bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Neville Xuereb)
vs
Wang Zhenyu, ta' nazzjonalita' ċiniza, imwielda Fujian fl-10 ta' Ġunju, 1969
u
Wang Biyun, ta' nazzjonalita' Ċiniza, imwielda Fujian fil-25 ta' Ġunju, 1969

Illum, 30 ta' mejju, 2002

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli f'dawn l-aħħar xhur, qabel id-29 ta' mejju, 2002, f'diversi postijiet f'Malta ffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaport jew użaw jew kellhom għandhom passaport li huma jafu li ġie ffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih;
2. talli fid-29 ta' mejju, 2002, dwar xi nformazzjoni li għandha tiġi mogħtija skond jew għal finijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni, taw jew ġiegħlu li jingħata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew tagħrif ta' fatti foloz;
3. talli fl-istess żmien għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument falsifikat;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minbarra l-piena stabbilita' mill-Liġi tiddikjara lill-imsemmija persuni bħala mmigranti projbiti u toħroġ Ordni ta' Tneħħija kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' mejju, 2002 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Għaldaqstant, issib lill-imputai ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 189 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(ċ) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum. Rat l-artikoli 14 u 15 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Mlata, tiddikjara lill-imputati mmigranti projbiti u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Tneħħija kontra tagħhom minn dawn il-Gżejjer.